



C/2024/1505

26.2.2024

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-11 ta' Jannar 2024 – Planistat Europe SARL,  
Hervé-Patrick Charlot vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-363/22 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 1073/1999 – Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew tal-Ġlieda ta' kontra l-Frodi (OLAF) – Investigazzjoni esterna tal-OLAF – Kawża “Eurostat” – Trażmissjoni mill-OLAF lil awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali ta' informazzjoni relatata ma' fatti suġġetti għal proċeduri kriminali qabel tmiem l-investigazzjoni – Tressiq ta' lment mill-Kummissjoni Ewropea qabel tmiem l-investigazzjoni mill-OLAF – Proċedura kriminali nazzjonali – Deċiżjoni definittiva li tikkonstata li ma hemmx lok li jitkoplew il-proċeduri – Kunċett ta' “ksur ikkaratterizzat suffiċjentement” minn regola ta' dritt tal-Unjoni li għandha bħala għan li tagħti drittijiet lill-individwi – Danni morali u materjali allegatament imġarrba mir-rikorrenti – Rikors għad-danni)*

(C/2024/1505)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: Planistat Europe SARL, Hervé-Patrick Charlot (rappreżentant: F. Martin Laprade, avocat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u F. Blanc, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' April 2022, Planistat Europe u Charlot vs Il-Kummissjoni, (T-735/20, EU:T:2022:220), hija annullata, sa fejn permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ħadhet ir-rikors, intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu morali li Hervé-Patrick Charlot ġarrab minħabba l-proċeduri kriminali mibdija kontriha quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji Franċiżi.
- 2) Il-kumpliment tal-appell huwa miċħud.
- 3) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 303, 8.8.2022.